// IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1933

# LOURDES U L-GĦANJA MALTIJA

Lourdes ! Donnha kelma bis-seħer, seħer tal-qdusija. Biżżejjed tlissinha din il-kelma, biex tħoss tqanqil ta' qalb li ma ġġarbux ħlief mita d-dawl tas-sema jiddi fi ħsiebek u fuq qalbek.

Għal min ma mar qatt fiha, Lourdes hi ħolma; ħolma ta' dawl, ta' ġmiel, ta' għana, ta' hena, ta' saħħa; imma ħolma li taħrab mis-sensi tal-ġisem u tissawwar biss fissatra tar-ruħ. Għal min mar, Lourdes tibqa ħolma; imma ħolma li taraha, tismagħha, tmissha, tifimha, tgħannaqha, tintilef fiha.

Aħna morna Lourdes din is-sena, u kif dħalna fiha, ħassejna illi hemmhekk tinsab is-Saltna tas-sliem, is-saltna tal-hena, is-saltna tal-għaqda. Lourdes hi tassew il-Belt tal-Madonna, għalhekk il-Belt ta' kullħadd; ħolma tas-sema miġjuba fl-art tal-bnedmin. Il-għana tal-għasafar qalb il-frieghi tas-siġar, it-tħaxwix tal-fewġa fil-qasab, it-tgelgil tal-ilma tax-xmara Gave, id-daqq tal-arloġġi li jtennu bla heda n-noti tal-«Ave Marija», il-ħeġġa tan-nies li tasal minn kull naħa tad-dinja u li ma għand-

hiex ħsieb ieħor ħlief li tgħanni qalbha u mħabbitha lil Madonna ta' Lourdes, kollox jurik li dik il-Belt hi l-għamara tas-Sultana tal-anġli, fejn tinżel mita jogħġobha biex tqassam lill-bnedmin il-ħajr li ġġib mill-Muna tas-Sema.

Iżda jekk kollox sabiħ u ħelu ġewwa Laurdes, il-ħaġa li tolqtok l-iżjed hi l-għanja ta' eluf u eluf ta' nies li jaslu kulljum f'dik il-Belt, bid-dawl tal-Fidi fi ħsiebhom, bin-nar tal-Imħabba f'sidirhom, bid-daħka tat-Tama fi ħbub għajnejhom; il-għanja, li fis-sikta ta' filgħaxija, bid-dawl tax-xama f'idejhom, igħannu l pellegrini, kull ġliba fi lsienha, iżda l-koll flimkien, bħallikieku f'għaqda tal-qlub kollha f'waħba, lil Dik li titgħaxxaq bl-isem ta' omm u l-imħabba ta' omm uriet lill-uliedha fil-għar ta' Lourdes.

Fl-erbât ijiem li qagħdna f'dik il-belt imbierka, smajnieh dak il-għana għal sigħat sħaħ, fis-sikta lejlija, jiġri mal-widien, jidwi mal-għoljiet, jittajjar, jitbiegħed, u jdub fl-ajru ħamrani bid-dawl taż-żerniq li donnu ma jridx jintefa fuq dik il-Belt tal-egħġubijiet. Smajnieh dak il-għana fil-lsien ta' wlied Franza, ħelu, smajnieh f'ilsna oħra, u dejjem dik il-għanja ta' Lourdes sabet it-trîq għal ġewwa qalbna u qanqlitha. Iżda, nistqarruh b'idna fuq qalbna, l-ebda waħda ma laqtitna, lilna, u daħlet ġo qalbna daqs il-għanja maltija.

Il-kelma maltija, imqassma fuq id-daqq tal-«Ave Maria» ta' Lourdes; il-għanja fil-lsien malti, imtennija qalb il-għoljiet ta' pajjiż mijiet ta' mili bogħod minn pajjiżna; il-għanja maltija mħalta ma' għanjiet ta' ġnus oħra f'għaqda ta' Fidi, ta' ferħ u ta' ħajr lil Madonna, imma dejjem b'togħma li hi tagħha, fiha, għalina, ħlewwa li ebda għanja oħra ma tista' tatihielna.

Għaliex, jekk għalina għandha ġmiel u ħajr u saħħa l-kelma barranija, dan tgħallimnieh mill-kotba; iżda l-qawwa, il-ġmiel, il-ħajr tal-kelma maltija nafuhom minn ħajjitna; xrobnihom ma' ħalib ommna, ġbidnihom man-nifs tagħna, kilnihom mal-ħobż tagħna, ħassejnihom fil-ferħ u fin-niket tagħna, għexnihom fil-jiem kollha' ta' għomorna.

Oh xi tferfir ħassejna f'qalbna mita ma' dawk in-noti mnebbħa mis-sema tal-«Ave Maria» ta' Lourdes, ħarġu, imqassmin u meqjusa, mill-fomm tal-pellegrini maltin dawn l-istrofi :

"Mill-gżira xemxija
li minnha ġejjin,
ġibnielek il-qima
ta' ħutna, il-Maltin.
Ave Maria.

Qalulna ngħidulek
li huma jħobbuk....
Din hija t-tislima
li ġejna natuk.
Ave Maria.

Ħassejna li dik l-art ma kinetx iżjed barranija għalina: ħassejna li f'Lourdes konna qegħdin ġo darna; ħassejna aktar qawwi u aktar fis-sewwa illi dik is-Sultana tal-Bjuda, dik l-Imnissla bla Tebgħa, il-Madonna ta' Lourdes, kienet waħda min'na, kienet Wensna, kienet Ommna.